# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 15 ta' Diċembru 2015**

**Numru**

**Ċitazzjoni numru 35/2004 AF**

**Michael Buhagiar**

***v.***

**Margaret Hampton f'isimha proprju u bħala prokuratriċi tal-assenti Reverendu Joseph Buhagiar**

1. Dan huwa appell tal-konvenuti minn sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Novembru 2011 dwar qsim ta' wirt u likwidazzjoni u ħlas tas-sehem riżervat mill-wirt. L-appell jolqot il-parti tas-sentenza fejn ġie likwidat is-sehem riżervat. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. Il-partijiet huma aħwa: missierhom miet intestat fl-1973 u għalhekk wirtuh f'ishma ndaqs uliedu, li kienu erbgħa: iż-żewġ

konvenuti, l-attur u ħuhom ieħor li miet, ukoll intestat, u bla ulied, fl-1998, wara l-missier iżda qabel l-omm. L-omm mietet fl-2001 u fit-testment tagħha ħatret liż-żewġ konvenuti bħala werrieta u lill-attur ħallietlu s-sehem riżervat, jew leġittima. L-attur talab il-qsim tal-wirt tal-missier u l-ħlas tas-sehem riżervat mill-wirt tal-omm. Fis-sentenza li minnha sar dan l-appell l-ewwel Qorti iddeċidiet hekk:

> "Tiddikjara li l-assi ta' Carmelo Buhagiar [il-missier] kienu jikkonsistu biss f'nofs il-fond 56, St. Sebastian Street, Qormi, li minnu r-rikorrenti ġà rċieva sehmu;
>
> "L-assi tal-omm għall-fini tal-kalkolu tas-sehem riżervat huma fil-valur ta' ħamsa u għoxrin elf, disa' mija u hdax-il Lira Maltin u ħamsa u sittin ċenteżmu (Lm25,911.65);
>
> "Il-porzjoni riżervata spettanti lil Michael Buhagiar mill-wirt ta' ommu tammonta għal tmint elef, sitt mija u sebgħa u tletin Lira Maltin u tnejn u għoxrin ċenteżmu (Lm8,637.22), li minnu huwa ġà rċeva elfejn u ħames mitt Lira Maltin (Lm2,500): jibqagħlu għalhekk jirċievi sitt elf, mija u sebgħa u tletin Lira Maltin u tnejn u għoxrin ċenteżmu (Lm6,137.22);
>
> "Tikkundanna lill-intimati jgħaddu lir-rikorrenti s-somma ta' erbatax-il elf, mitejn u ħamsa u disgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€14,295.87), ekwivalenti għal sitt elef, mija u sebgħa u tletin Lira Maltin u tnejn u għoxrin ċenteżmu (Lm6,137.22);
>
> "L-ispejjeż relatati mat-talbiet dwar wirt tal-missier jinqasam [*recte*, jinqasmu] bejn il-partijiet f'sehem ta' terz kull wiehed; u spejjeż relatati mas-sehem riżervat ikunu a karigu tal-konvenuti."

3. L-ewwel Qorti waslet għal dawn il-konklużjonijiet wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

> "Ikkunsidrat illi, permezz ta' din il-kawża, Michael Buhagiar qiegħed jitlob il-qasma tal-wirt ta' ommu u missieru. Huwa wiret lil missieru *qua* eredi, però mill-wirt ta' ommu huwa tħalla biss is-sehem riżervat skond il-liġi.
>
> "Għaldaqstant, l-eżerċizzju li jeħtieġ illi tagħmel din il-qorti essenzjalment jinkludi l-identifikazzjoni tal-patrimonju taż-żewġ ġenituri u s-sussegwenti qasma tiegħu.

"<u>Wirt tal-missier</u>

"… … … *omissis* … … …

"<u>Wirt tal-omm</u>

"Jibqa' biex jiġi kunsidrat, in relazzjoni mad-deheb, il-fatt li l-istess tħalla b'legat mill-omm lill-konvenuta odjerna, eżerċizzju li jrid isir sabiex tiġi stabbilita l-kwota riżervata favur l-attur.

> "**620**. (2) Is-sehem riżervat jiġi kalkolat fuq l-assi kollu, wara li jitnaqqsu d-djun tal-assi u l-ispejjeż tal-funerali.
>
> "(3) Fl-assi jidħol dak kollu li minnu t-testatur, b'titolu gratuwitu, ukoll f'kontemplazzjoni ta' żwieġ, ikun iddispona favur ta' xi ħadd, minbarra l-ispejjeż tal-edukazzjoni tat-tfal jew dixxendenti oħra.

"Jirriżulta illi t-testment ġie redatt fis-sena 1996, is-sena meta l-omm ġiet rikoverata f'*home*. Il-konvenuta ssostni li d-deheb kien ingħata sentejn qabel, bħala kumpens għas-serviġi reżi. Inġabu ħafna provi fil-kawża li jsostnu dak li tgħid il-konvenuta li għamlet ma' ommha. Għalkemm ħafna mill-provi jirreferu għal żmien meta kienet ġà rikoverata (u għalhekk diġà kien ingħatalha d-deheb) jirriżulta illi tali serviġi kienu ilhom snin jiġu reżi lill-omm minn bintha. Għaldaqstant, ġaladarba ma jiġux meqjusa li ngħataw titolu gratuwitu, m'għandhomx jitqiesu għall-fini tal-kalkolu tas-sehem riżervat.

"Jibqa', għalhekk, sehem l-omm mill-immobbli. Għalkemm qatt ma saret stima tal-fond, il-valur qiegħed jiġi kalkolat fl-ammont ta' ħamsa u erbgħin elf Lira Maltin (Lm45,000). Dan il-kalkolu qed isir abbażi tal-ammont li ħa l-istess rikorrenti bħala sehmu mill-eredità tal-missier. Sehem l-omm minn dan il-fond jammonta għal tlieta u għoxrin elf, disa' mija u sitt Liri Maltin u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (Lm23,906.25) u *cioè* $^{17}/_{32}$, *stante* li l-omm kienet wirtet ukoll sehem binha li ġie nieqes qabilha intestat u bla ulied. Jirriżulta mill-provi illi tħallsu seba' mitt Lira Maltin (Lm700) bħala spejjeż funerarji u seba' mija u erbgħa u disgħin Lira Maltin u sittin ċenteżmu (Lm794.60) bħala rifużjoni lid-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali. Ingħataw donazzjonijiet fl-ammont ta' tlett elef u ħames mitt Lira Maltin (Lm3,500); dawn jiżdiedu mal-assi a tenur tal-artikolu 620(3). Minn dan, għalhekk, jirriżulta li l-assi ereditarju tad-defunta li jgħodd għal-kalkolazzjoni tas-sehem riżervat huwa fl-ammont ta' ħamsa u għoxrin elf, disa' mija u ħdax-il Lira Maltin u ħamsa u sittin ċenteżmu (Lm25,911.65). Għaldaqstant, it-terz spettanti lill-attur odjern huwa ta' tmint elef, sitt mija u sebgħa u tletin Lira Maltin u tnejn u għoxrin ċenteżmu (Lm8,637.22). Jirriżulta ukoll, però, illi l-attur ġà tħallas akkont ta' sehmu s-somma ta' elfejn u ħames

> mitt Lira Maltin (Lm2,500). Għalhekk jibqagħlu jirċievi s-somma ta' sitt elef, mija u sebgħa u tletin Lira Maltin u tnejn u għoxrin ċenteżmu (Lm6,137.22) ekwivalenti għal erbatax-il elf, mitejn u ħamsa u disgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€14,295.87)."

4. Il-konvenuti appellaw, b'rikors tat-12 ta' Diċembru 2011, minn dawk il-partijiet tas-sentenza li jolqtu l-likwidazzjoni tas-sehem riżervat mill-wirt tal-omm billi ma jikkontestawx il-qsim tal-wirt tal-missier. L-attur wieġeb fit-3 ta' Jannar 2012.

5. L-aggravji tal-appell huma i. illi sehem l-attur mis-sehem riżervat huwa wieħed minn disgħa ($^1/_9$) u mhux wieħed minn tlieta ($^1/_3$) kif qalet l-ewwel Qorti; ii. illi l-attur kien irċieva elfejn, sitt mija u sitta u ħamsin lira ta' Malta u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (Lm2,656.25) akkont ta' sehmu, u mhux elfejn u ħames mitt lira (Lm2,500) kif qalet l-ewwel Qorti; iii. illi l-immobbli fil-wirt kien jiswa anqas minn kemm qalet l-ewwel Qorti; iv. illi l-ħwejjeġ mobbli fil-wirt kienu jiswew anqas minn kemm qalet l-ewwel Qorti; u v. illi l-konvenuti ma kellhomx jiġu kundannati jħallsu l-ispejjeż tal-kawża.

6. L-ewwel aggravju tal-konvenuti huwa illi, ladarba l-ulied fil-waqt tal-mewt tal-omm huma tlieta, is-sehem riżervat huwa wieħed minn tlieta ($^1/_3$) li jinqasam bejniethom ilkoll biex kull wieħed ikollu sehem minn disgħa ($^1/_9$). L-attur wieġeb hekk:

> "Minn qari tal-artikolu 616 jirriżulta ampjament illi l-argument tal-konvenuti appellati [*recte*, appellanti] ma jreġix. Dana billi dak l-

> artikolu jgħid illi s-sehem riżervat li jmiss lit-tfal kollha għandu jkun terz (⅓) tal-valur tal-beni jekk dawk it-tfal ma jkunux iżjed minn erbgħa (4) fl-għadd.
>
> "Imbagħad l-artikolu 616(2) jgħid ukoll illi s-sehem riżervat jinqasam f'ishma daqsinsew bejn it-tfal li jmisshom minnu. Issa fil-każ odjern huwa l-esponenti u l-esponenti biss li jmissu minn dan is-sehem riżervat u għalhekk huwa l-esponenti illi jmissu s-sehem riżervat kollu waħdu. Ladarba ma hemmx tfal ohra li jmisshom mis-sehem riżervat, il-konvenuti appellanti ma jistgħux jippretendu illi s-sehem riżervat jinqasam. Jekk dina l-onorabbli qorti kellha tabbraċċja l-argument fallaċi mressaq mill-konvenuti appellanti, hija kienet qiegħda tkun effettivament tgħid illi għalkemm il-konvenuti appellanti huma eredi universali u mhux leġittimarji u l-uniku leġittimarju huwa l-esponenti, xorta wahda l-leġittimarju jrid jaqsam il-leġittima mal-eredi universali. Ma jagħmilx sens ġuridiku illi l-konvenuti appellanti, minkejja illi huma eredi universali, qegħdin jippretendu illi jieħdu parti mil-leġittima daqs li kieku kienu leġittimarji.
>
> "Jekk dawn l-argumenti mhux konvinċenti biżżejjed, imbagħad l-artikolu 616(3) tal-Kap. 16 jistipula espressament illi jekk ma jkunx hemm ħlief tifel wieħed, dan jieħu waħdu t-terza parti kollha hawn qabel imsemmija. Jiġifieri jekk hemm tifel wieħed biss li tmissu l-leġittima – eżattament il-każ odjern – dan tmissu t-terza parti waħdu. Konvenjentament iżda anke żlejalment, il-konvenuti appellati ma ikkwotawx dan is-sub-artikolu."

7. Id-disposizzjonijiet tal-liġi relevanti għal dan l-aggravju huma l-art. 616 u 618(3) tal-Kodiċi Ċivili, kif kienu fiż-żmien relevanti meta nfetaħ il-wirt tal-omm fl-2001:

> "**616.** (1) Il-leġittima ta' tfal leġittimi, jew ta' tfal leġittimati bi żwieġ li jsir wara, jew ta' tfal adottivi, hija t-terz tal-beni tal-mejjet, jekk dawk it-tfal ma jkunux iżjed minn erbgħa, jew in-nofs ta' dawk il-beni jekk ikunu ħamsa jew iżjed.
>
> "(2) Il-leġittima tinqasam f'ishma daqsinsew bejn it-tfal li jmisshom minnha.
>
> "(3) Jekk ma jkunx hemm ħlief tifel wieħed, dan jieħu waħdu t-terz kollu hawn fuq imsemmi.
>
> "**618.** (3) It-tifel jew dixxendent ieħor li jkun maħtur werriet, jidħol mal-oħrajn fil-leġittima."

8. L-art. 618(3) jagħmilha ċara mill-ewwel illi l-interpretazzjoni li tat l-ewwel Qorti u li jrid jagħti l-attur hija manifestament ħażina. L-

ewwel Qorti u l-attur waqgħu f'dan l-iżball għax ħasbu illi t-"tfal li jmisshom" mil-leġittima huma l-leġittimarji u mhux l-ulied kollha, kif juri ċar l-art. 618(3). Hekk kif it-"tfal" imsemmija fl-art. 616(1) huma t-tfal kollha tal-mejjet u mhux biss il-leġittimarji, hekk ukoll fl-art. 616(2) it-"tfal" huma t-tfal kollha, u mhux biss il-leġittimarji. Bl-istess mod, l-art. 616(3), meta jsemmi "tifel wieħed", qiegħed jifhem wild wieħed u mhux leġittimarju wieħed. Naturalment, meta hemm wild wieħed hemm ukoll leġittimarju wieħed u għalhekk dan jieħu s-sehem riżervat kollu.

9. Dan l-aggravju għalhekk għandu jintlaqa', u anzi l-Qorti tgħid illi tqis il-kontestazzjoni tal-attur bħala x'aktarx fiergħa.

10. It-tieni aggravju jgħid illi l-attur kien irċieva elfejn, sitt mija u sitta u ħamsin lira ta' Malta u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (Lm2,656.25) akkont ta' sehmu, u mhux elfejn u ħames mitt lira (Lm2,500) kif jingħad fis-sentenza appellata. L-attur ma jikkontestax dan u l-aggravju huwa għalhekk milqugħ.

11. Fit-tielet aggravju l-konvenuti jgħidu illi l-ewwel Qorti tat valur għoli wisq lis-sehem tal-omm mill-immobbli li tħalla fil-wirt. Dan l-aggravju ġie mfisser hekk:

> "Subordinatament u bla preġudizzju għas-suespost il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili żbaljat ukoll li fis-sentenza appellata għaddiet għall-kalkolu tas-sehem riżervat dovut lill-attur appellat fuq il-valur ta' Lm45,000 għall-intier tad-dar 66, Triq San Bastjan, Ħal Qormi, bonarjament miftiehem fit-8 ta' Novembru 2007 bejn il-konvenuta appellanti Margaret Hampton u żewġha minn naħa

waħda u l-attur appellat min-naħa l-oħra fil-bejgħ u xiri tas-sehem *pro indiviso* mill-istess dar. Dan għaliex … … … il-ġurisprudenza kostanti tal-qrati konsistentement irriteniet li ż-żmien rilevanti għall-kalkolu tas-sehem riżervat hu dak tal-mument tal-apertura tas-suċċessjoni (ara … … … Frank Caruana *et v.* Vincent Caruana *et* – Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 12 ta' Ottubru 2007, u Av. Chris Said *noe v.* Mary Abela *et* – Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, 29 t' Frar 2008). B'ekwità u ġustizzja, l-appellanti kienu rrilevaw li kellha almenu ssir riduzzjoni f'dak il-valur ta' Lm45,000 tal-intier tad-dar *de quo* li jkun jirrifletti l-għoli fl-indici tal-inflazzjoni liema kejl hu preskritt mil-liġi għall-aġġornament tal-kirjiet tal-immobbli (anki jekk inhu risaput li l-għoli fil-valur reali tal-immobbli liberu u frank dejjem normalment jiżdied u jogħla b'rata aktar imgħaġġla minn dik tal-inflazzjoni użata taħt l-Ordinanza li tneħħi l-Kontroll tad-Djar, Kap.158 tal-Liġijiet ta' Malta) fl-assenza ta' stima tal-valur ta' dik id-dar fil-mument tal-mewt tad-*decujus* omm fil-11 ta' Lulju 2001, aktar minn sitt (6) snin qabel ma l-kontendenti attribwew il-valur tad-dar fl-okkażjoni ta' dak il-bejgħ fit-8 ta' Novembru 2007. L-unika stima verjuri tad-dar li tirriżulta mill-proċess tirrisali għal tmienja u għoxrin (28) sena qabel il-mewt tal-omm u *cioè* l-valur ta' Lm1,250 fid-data tal-mewt tal missier mejjet fl-24 t'April 1973 … … … Mill-awment tal-indiċi tal-inflazzjoni pubblikat annwalment fl-iskeda aġġornata annessa mal-istess Kap.158 tal-Liġijiet ta' Malta, l-esponenti appellanti ġustament waslu għall-valur ta' Lm39,454.24,0 tal-intier tad-dar *de quo* fis-sena 2001 meta kien hemm l-apertura rilevanti tas-suċċessjoni.

"Sfortunatament minkejja l-bażi legali tas-sottomissjoni tal-konvenuti appellanti dwar il-valur ta' Lm39,454.24,0 li huma jattribwixxu għad-dar *de quo* skont il-kejl tal-inflazzjoni ppubblikat taħt il-Kap.158 kif fuq ingħad, l-ewwel qorti bi żball tagħżel li tmur kontra l-iskorta tal-ġurisprudenza tal-qrati fuq ċitati u tikkalkula s-sehem riżervat fuq dak l-immobbli skont il-valur li inċidentalmen kien ingħata lill-intier tad-dar fl-okkażjoni ta' bejgħ aktar minn sitt (6) snin wara l-apertura tas-suċċessjoni. L-ewwel qorti ma tagħti ebda raġuni dwar għaliex ma ssegwix mal-ġurisprudenza applikabbli għall-mument rilevanti tal-apertura tas-suċċessjoni u l-kejl tal-inflazzjoni pubblikat skont il-liġi taħt il-Kap.158."

12. L-attur wieġeb billi iċċita sentenzi[1] li jgħidu illi "il-leġittima għandha tiġi likwidata fuq valutazzjoni tal-assi tad-*decujus* fi

[1] Emilia Maria Mifsud *et v.* Eleonora Mizzi *et*, App. 14 ta' Diċembru 1973; Mary Anne Zammit *et v.* Antonia Ellul *et*, App. 28 ta' Jannar 2005.

żmien l-iktar qrib possibbli għall-pronunzja ġudizzjarja ossija fid-data tal-likwidazzjoni tal-istess leġittima”.

13. Fiż-żmien relevanti – qabel l-emendi introdotti bl-Att XVIII tal-2004, illi bis-saħħa tagħhom is-sehem riżervat beda jitqies bħala “kreditu … … … kontra l-beni tal-mejjet” – il-leġittima kienet titqies bħala “sehem mill-beni tal-mejjet”: *pars bonorum*. Il-leġittimarju għalhekk kellu sehem mhux maqsum, daqs is-sehem tiegħu mil-leġittima, mill-beni kollha tal-wirt. Sakemm isir il-qsim, dan is-sehem jogħla u jonqos fil-valur bħal ma jogħla u jonqos il-valur tal-ġid li tiegħu huwa sehem. Għalhekk igħid sew l-attur meta jgħid illi l-valur tas-sehem huwa dak taż-żmien l-aktar qrib għal meta jsir il-qsim, u mhux taż-żmien tal-mewt.

14. Lanqas ma hu minnu dak li jgħidu l-konvenuti illi s-sentenzi minnhom ċitati jsaħħu t-teżi tagħhom. Anzi, is-sentenza fl-ismijiet <u>Frank Caruana *et v.* Vincent Caruana *et*</u>, P.A. 12 ta’ Ottubru 2007, tgħid ċar illi:

> “… … … sabiex tara jekk it-testatur iddisponiex minn aktar mis-sehem li seta’ jiddisponi minnu, trid tqis il-valuri taż-żmien meta nfetaħ il-wirt; jekk iżda ssib illi t-testatur tassew iddispona minn aktar mis-sehem disponibbli, min ikollu jedd għal sehem riżervat ikollu dak is-sehem fuq il-beni kollha tal-wirt, u dak is-sehem, naturalment, ikun jiswa aktar jew anqas skond kemm, bejn iż-żmien tal-ftuħ tal-wirt u ż-żmien tal-ħlas tas-sehem riżervat, jikber jew jiċkien il-valur ta’ l-assi tal-wirt. Għalhekk, meta jiġu biex jinqasmu l-assi, dan isir skond il-valuri taż-żmien tal-qasma.”

15. Ladarba l-omm mietet fl-2001, id-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-leġittima huma dawk fis-seħħ qabel l-emendi tal-2004. L-aggravju huwa għalhekk miċħud.

16. Ir-raba' aggravju jolqot il-valur ta' beni mobbli. Il-konvenuti jfissru għala, fil-fehma tagħhom, il-valur tal-beni mobbli tal-wirt għandu jonqos.

17. Dan l-aggravju huwa x'aktarx enigmatiku. Qari tas-sentenza appellata juri illi l-ewwel Qorti bħala attiv tal-wirt tal-omm qieset biss il-beni immobbli u donazzjoni ta' tlitt elef u ħames mitt lira (Lm3,500) li ma ġietx kontestata. Is-sentenza ma ssemmi ebda beni mobbli oħra u għalhekk il-Qorti ma tarax kif il-valur tal-beni mobbli jista' jonqos.

18. Ir-raba' aggravju huwa għalhekk miċħud.

19. Meqjusa l-aggravji kollha relativi għall-meritu, il-Qorti tosserva illi l-valur tal-wirt tal-omm kien daqskemm qalet l-ewwel Qorti: ħamsa u għoxrin elf, disa' mija u ħdax-il lira ta' Malta u ħamsa u sittin ċenteżmu (Lm25,911.65). Is-sehem riżervat li jmiss lill-attur huwa ta' wieħed minn disgħa ($^1/_9$), li jiġi elfejn, tmien mija u disgħa u sebgħin lira u seba' ċenteżmi (Lm2,879.07). Minn dan titnaqqas is-somma ta' elfejn, sitt mija u sitta u ħamsin lira ta' Malta u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (Lm2,656.25), li l-attur ġià tħallas akkont, u jifdal bilanċ ta' mitejn u tnejn u għoxrin lira u

tnejn u tmenin ċenteżmu (Lm222.82), jew ħames mija u dsatax-il euro u tliet euroċenteżmi (€519.03).

20. L-aħħar aggravju jolqot l-ispejjeż. Il-konvenuti fissru dan l-aggravju hekk:

> "L-art.223(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jiddisponi li "Kull sentenza definittiva għandha tikkundanna lit-tellief għall-ispejjeż". L-esponenti jirrilevaw li huma m'għandhomx ibatu spejjeż tal-kawża ġaladarba huma kienu diversi drabi qabel ma ġiet intavolata din il-kawża, bil-fomm u bil-miktub, offrew u sejħu lill-attur appellat li jersaq għal-likwidazzjoni u assenjazzjoni ta' sehmu mill-wirt tal-mejjet Carmelo Buhagiar u tas-sehem riżervat dovut lilu mill-wirt tal-mejta Maria Buhagiar. Bil-premura kollha tagħhom, l-esponenti Margaret Hampton ukoll offriet li tixtri, kif fil-fatt hekk ġara fil-mori tal-proċeduri tal-kawża, is-sehem *pro indiviso* tal-attur mid-dar *de quo* kif ukoll ħlas akkont tas-sehem riżervat dovut lill-attur kalkolat fuq il-kwota ta' sehem wieħed minn disgħa (1/9) mis-sehem tad-*decujus* Maria Buhagiar fuq il-valur skont il-prezz tal-bejgħ, bla preġudizzju għall-kalkolu preċiż u dovut skont il-liġi, fil-mument tal-apertura tas-suċċesjoni sitt snin qabel … … …
>
> "Iżda filwaqt li l-attur ġab a formali konjizzjoni l-eżawriment bi ħlas ta' sehmu mill-uniku assi li kien jikkomprendi l-wirt tal-missier mejjet, ċjoè d-dar 66, Triq San Bastjan, Ħal Qormi, hu baqa' ma ċediex it-talbiet dwar wirt tal-missier. Meta l-ewwel qorti sewwa ddecidiet li ma kien hemm xejn iżjed x'jiġi assenjat lill-attur b'sehmu mill-wirt tal-missier mejjet għax "l-assi ta' Carmelo Buhagiar kienu ikkonsistu biss f'nofs il-fond 56 (*i.e.* 66), St Sebastian Street, Qormi, li minnu r-rikorrenti ġà rċieva sehmu", allura jsegwi l-attur prettament tilef it-talbiet tiegħu dwar il-wirt tal-missier li hu baqa' jżomm sħiħ u kwindi kellu jinkorri wkoll l-ispejjeż skont il-preċitat art. 223(1) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, Din il-pożizzjoni tal-liġi tgħodd ukoll għall-ispejjeż ta' ħafna seduti dwar xiehda fuq il-konsistenza tal-assi tal-wirt tal-missier u l-istima mitluba mill-attur tad-deheb li jirriżulta li kien parafernali tal-omm mejta kif hemm rikonoxxut fis-sentenza appellata stess u mogħti lill-esponenti Margaret Hampton b'kumpens għas-serviġi li hi pprestat lil ommha mejta.
>
> "Għal dak li għandu x'jaqsam mal-kalkolu tal-bilanċ tas-sehem riżervat dovut lill-attur appellat, għandu jingħad li jekk, kif umilment jissottomettu l-esponenti appellanti, l-ewwel qorti tiżbalja għal kollox il-kwota ta' terz bħala l-kwota tas-sehem riżervat li fil-fatt u fid-dritt kellu jkun ta' wieħed minn disgħa (1/9) … … … skont l-art. 616(2) tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta, dan

ġara bi ħtija tal-pretensjonijiet infondati tal-istess attur li hu javvanza dik it-teżi skorretta u fallaċi fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu kif ukoll meta ma jagħtix kont tal-ispejjeż inkorsi kontra d-dħul tal-mejta omm. Mela allura hawn ukoll l-attur appellat għandu jiġi meqjus daqslikieku fil-verità u effettivament tilef dawk il-pretensjonijiet infondati u fiergħa tiegħu u ġustament issa għandu bir-rispett ibati l-ispejjeż relattivi, tenut kont ukoll tal-fatt li l-esponenti appellanti fuq kollox dejjem, qabel u waqt din il-kawża, ikkoperaw bis-sħiħ miegħu u saħansitra kienu offrewlu lill-istess attur li jissaldaw il-bilanċ dovut lilu mis-sehem riżervat kif ġà ingħad u kwindi din il-kawża setgħet ġiet tassew evitata li kieku l-attur appellat wera bon sens li jilqa' l-offerta tal-esponenti appellanti! Għaldaqstant qed jiġi umilment sottomess mill-esponenti appellanti li fir-reviżjoni tagħha tal-ispejjeż deċiżi fis-sentenza appellata, din l-onorabbli Qorti tal-Appell jogħġobha tiddeċiedi li l-ispejjeż taż-żewġ istanzi jkunu a kariku tal-attur appellat in vista tat-telfien tal-pretensjonijiet tiegħu infondati fil-fatt u fid-dritt, skont l-art. 223(1) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta."

21. L-attur wieġeb hekk:

"Il-ħames aggravju huwa dwar l-ispejjeż ġudizzjarji għaliex il-konvenuti jippretendu illi ladarba kienu offrew bonarjament lill-esponenti Lm 300 għas-saldu tal-leġittima huma ma kellhom ibatu ebda spejjeż. L-esponenti hawn ifakkar illi din l-offerta kienet saret snin qabel ma hu tħallas l-ammont ta' Lm 2,656.25. Għalhek tali offerta kienet ċertament irriżorja u l-esponenti kellu kull dritt li jirrifjutaha. Għalhekk ma hemmx lok illi jkun hemm temperament fil-kap tal-ispejjeż."

22. Dwar l-ispejjeż relattivi għall-wirt tal-missier il-qorti tosserva illi tassew illi l-attur kien ħa sehmu qabel ma ngħatat is-sentenza u għalhekk ma kienx meħtieġ provvediment dwar it-talba għall-qsim tal-wirt tal-missier. Madankollu, l-attur ingħata sehmu wara li nfetħet il-kawża u għalhekk it-talba, meta saret, ma kinitx żejda. Huwa minnu wkoll illi li kieku ċeda t-talba hekk kif ħa sehmu l-ispejjeż kienu jkunu anqas, iżda huwa minnu wkoll illi kieku ċeda t-talba l-ispejjeż, għalkemm anqas, kien ikollu jħallashom kollha hu; biex l-ispejjeż jinqasmu kien meħtieġ il-

ftehim tal-partijiet kollha u mhux billi l-attur iċedi t-talba unilateralment.

23. Għalhekk huwa xieraq illi l-ispejjeż relattivi għall-wirt tal-missier jinqasmu ndaqs bejn il-werrieta kollha billi l-ishma tagħhom mill-wirt huma ndaqs.

24. Dwar l-ispejjeż relattivi għas-sehem riżervat il-qorti tosserva illi l-konvenuti għandhom raġun jgħidu illi l-ispejjeż ma għandhomx jeħluhom kollha huma, ladarba l-pretensjoni tal-attur li jmissu s-sehem sħiħ ta' wieħed minn tlieta ($^{1}/_{3}$) kienet ħażina. Madankollu l-konvenuti ma għandhomx raġun għal kollox ladarba l-argument tagħhom relattiv għaż-żmien tal-valutazzjoni tal-immobbli kien ħażin. Billi iżda l-iżball tal-attur dwar is-sehem riżervat kien aktar gravi mill-iżball tal-konvenuti dwar il-valur tal-immobbli, billi kellu impatt ferm akbar fuq iċ-ċifra li waslet għaliha l-ewwel Qorti, huwa xieraq illi l-attur iġorr sehem akbar mill-ispejjeż relattivi.

25. Għalhekk l-ispejjeż relattivi għall-wirt tal-omm, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, jinqasmu hekk: erba' ishma minn ħamsa ($^{4}/_{5}$) jħallashom l-attur u sehem wieħed minn ħamsa ($^{1}/_{5}$) jħallsuh il-konvenuti.

26. Il-Qorti għalhekk tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata: tikkonfermaha fejn qalet illi l-attur ġià ħa s-sehem li jmiss lilu mill-wirt tal-missier u fejn qalet illi l-assi ereditarju tal-

omm jiswa ħamsa u għoxrin elf, disa' mija u ħdax-il lira ta' Malta u ħamsa u sittin ċenteżmu (Lm25,911.65), daqs sittin elf, tliet mija u sebgħa u ħamsin euro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€60,357.91); tħassar is-sentenza fejn iddisponiet dwar is-sehem riżervat li jmiss lill-attur mill-wirt tal-omm, u tgħid, minflok, illi l-bilanċ li jmiss lill-attur għal dak is-sehem huwa ta' ħames mija u dsatax-il euro u tliet ċenteżmi (€519.03) u tikkundanna lill-konvenuti jħallsu dak il-bilanċ lill-attur.

27. L-ispejjeż tal-ewwel grad relattivi għat-talbiet dwar il-wirt tal-missier jinqasmu hekk: sehem minn tlieta ($^{1}/_{3}$) jħallsu l-attur, sehem minn tlieta ($^{1}/_{3}$) tħallsu l-konvenuta u s-sehem l-ieħor minn tlieta ($^{1}/_{3}$) jħallsu l-konvenut. L-ispejjeż tal-ewwel grad relativi għat-talbiet dwar is-sehem riżervat mill-wirt tal-omm u l-ispejjeż kollha tal-appell jinqasmu hekk: erba' ishma minn ħamsa ($^{4}/_{5}$) jħallashom l-attur u sehem wieħed minn ħamsa ($^{1}/_{5}$) jħallsuh il-konvenuti flimkien.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df